MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR
# MALTA

## GUDIKATUR DR.
## DEMICOLI AUDREY

Seduta tas-16 ta' Dicembru, 2002

Talba Numru. 323/2002/1

**Avviz Numru 323/02 AJD**
**Simonds Farsons Cisk plc**

**vs**

**Richard Flattley u Yasmin Kathleen Zammit**

**It-Tribunal,**
Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-12 ta' Frar 2002 fejn gie mitlub li l-konvenuti jigu kkandannati jhallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf, mitejn u tlieta u hamsin lira Maltin u zewg centezmi (Lm,253.02) rapprezentanti prezz ta' prodotti lilhom mibjugha u kkonsenjati ghall-uzu Tan-negozju taghhom fil-Belmar Lido, fuq ordni taghhom. Bl-imghax mill-20 ta' Gunju 2001 u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tas-27 ta' Dicembru 2001 kontra l-konvenuti ngunti ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenuta Zammit fejn hija eccepiet is-segwenti:

Illi l-ammont mhux dovut minnha.
Illi hi ma effetwat ebda xiri ta’ merkanzija minghand is-socjeta’ attrici u l-anqas ma rceviet il-konsenja taghhom. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Ra li l-konvenut Richard Flattley ghalkemm debitament notifikat baqa’ ma prezentax risposta.

Sema’ x-xhieda ta’ Rosanne Micallef, tal-konvenuta Yasmin Zammit  Anthony Zammit u tal-konvenut Richard Flattley. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi tal-kaz u tad-dokumenti esibiti.

Ikkunsidra:

Illi mill-provi rrizulta ampjament li l-ammont mitlub mis-socjeta’ attrici huwa dovut esklussivament mill-konvenut Richard Flattley stante li l-merkanzija in kwistjoni nbieghat lilu bhala gestitur tal-Belmar Lido. Huwa fil-fatt ammetta li dan l-ammont huwa dovut minnu biss u spjega li l-konvenuta Zammit kienet impjegata tieghu flimkien ma’ zewgha Anthony Zammit u ma kellha x’taqsam xejn max-xiri tal-merkanzija in kwistjoni. Huwa qal ukoll li l-konvenuta Zammit damet fl-impjieg taghha biss ghal tlett gimghat.

Ghal dawn il-motivi, t-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi filwaqt li jichad it-talbiet attrici fil-konfronti tal-konvenuta Yasmin Kathleen Zammit, jilqa’ t-talbiet attrici fil-konfronti tal-konvenut Richard Flattley u konsegwentement jikkundanna lill-istess konvenut ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ elf, mitejn u tlieta u hamsin lira Maltin u zewg centezmi (Lm,253.02), bl-imghaxijiet kif mitluba.

L-ispejjes ta’ din l-istanza, nkluzi dawk tal-ittra ufficjali tas-27 ta’ Dicembru 2001, ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenut Richard Flattley skond il-ligi.

**Avukat Dr. Audrey J. Demicoli**

**Gudikatur.**